



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.9.2022  
COM(2022) 470 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**L-Erbgħin Rapport Annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fir-  
rigward tal-attivitajiet Anti-Dumping, Antisussidji u ta' Salvagwardja tal-UE u l-Użu  
tal-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerç minn Pajjiżi Terzi mmirati lejn l-UE fl-2021**

{SWD(2022) 294 final}

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan huwa l-40 Rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jkopri l-attivitajiet anti-dumping (AD), antisussidji (AS) u ta' salvagwardja (SFG) tal-UE, kif ukoll l-attività ta' difiża tal-kummerċ ta' pajjiżi terzi kontra l-UE fl-2021 u l-attivitajiet tal-Uffiċjal tas-Seduta.

Minkejja d-diffikultajiet li kienu għaddejjin fl-2021 li rriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni kompliet tapplika b'mod robust l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ. Il-metodi ta' ħidma ttestjati sew, żviluppata fil-bidu tal-pandemija, żguraw li l-investigazzjonijiet kollha saru bl-ogħla standards, li jiggarrantixxu l-protezzjoni tal-produtturi tal-UE minn importazzjonijiet dannużi nnegożjati b'mod inġust.

L-infurzar u l-effettività tal-miżuri huma tħassib primarju għall-Kummissjoni u r-rapport jisħaq fuq il-prattiki mtejjba ta' monitoraġġ stabbiliti matul is-sena. Konxji mill-fatt li l-azzjonijiet biex jiġi evitat il-ħlas tad-dazji jistgħu jiżiedu fil-fażi ta' rkupru ta' wara l-COVID-19, il-miżuri, speċjalment dawk li jippreżentaw riskju akbar ta' evitar tad-dazju, kienu soġġetti għal skrutinju mtejjeb. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni fetħet investigazzjonijiet antiċirkomvenzjoni kif ukoll kontra l-assorbiment, li jagħtu sinjal lill-operaturi li l-UE beħsiebha tindirizza dawn il-prattiki.

Dan ir-rapport jindirizza wkoll l-implimentazzjoni tal-bidliet leġiżlattivi li saru fl-2017/2018, adottati biex jiġi żgurat li l-istrumenti jkunu jistgħu jindirizzaw il-politiki u l-isfidi fil-kummerċ globali. Dawn jinkludu standards soċjali u ambjentali fit-TDI, li issa jitqiesu f'investigazzjonijiet li fihom il-prezzijiet indikattivi ġew aġġustati biex jitqiesu l-kostijiet futuri li jirriżultaw minn Ftehimiet Ambjentali Multilaterali li għalihom l-UE hija parti. Dan irriżulta f'dazji ogħla f'xi każijiet li jiżguraw li l-marġnijiet tad-dannu jibqgħu sinifikattivi u l-miżuri jgħibu serħan effettiv lill-industrija tal-UE.

L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mill-2020<sup>1</sup>, wara l-awditu tagħha tal-istrumenti tad-difiża tal-kummerċ tal-UE, kienet prijorità tal-Kummissjoni matul is-sena. Il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati fl-2021. Dawn l-azzjonijiet isaħħu l-istandards diġà għoljin tal-UE fl-applikazzjoni tal-istrumenti.

F'dan il-kuntest, l-għajnuna lill-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju biex jifhmu x'inhuma l-istrumenti u kif jistgħu jużawhom u jibbenefikaw minnhom kienet ta' importanza kbira.

Fl-2021, il-Kummissjoni qieset l-utenti ta' pajjiżi terzi ta' strumenti għad-difiża tal-kummerċ bl-istess standards għoljin li l-UE tapplika għall-investigazzjonijiet tagħha. Dejjem aktar, l-esportaturi tagħna tal-UE qed jiffaċċjaw aktar azzjonijiet ta' difiża tal-kummerċ ta' pajjiżi terzi li, sfortunatament, spiss ma jitwettqux f'konformità mar-regoli tad-WTO. L-interventi tagħna f'investigazzjonijiet ta' pajjiżi terzi kontra l-industrija/l-esportaturi tal-UE, li għandhom l-għan li jnaqqsu l-impatt ekonomiku negattiv u jeliminaw l-impożizzjoni inġusta/li ma hijiex ġustifikata ta' miżuri, wasslu għal għadd ta' eżiti pożittivi u b'hekk żguraw il-kontinwazzjoni tal-aċċess għas-suq għall-esportaturi tal-UE.

---

<sup>1</sup> [Rapport Speċjali 17/2020: Strumenti għad-difiża tal-kummerċ: funzjonament tajjeb tas-sistema għall-protezzjoni tan-negożji tal-UE minn importazzjonijiet li jkunu oġġett ta' dumping u ta' sussidji \(europa.eu\)](#)

Fl-aħħar nett, ir-rapport jenfasizza r-relazzjoni bejn it-TDI u politiki oħra tal-UE. Ir-Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali tal-UE, ippubblikata fi Frar 2021, talbet li jintużaw l-għodod kummerċjali kollha biex jappoġġaw l-oġettivi ta' politika tal-UE. L-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ għad għandhom rwol importanti ħafna f'dak il-kuntest, mhux biss billi jiproteġu aktar minn 460 000 impjeg, iżda billi jiżguraw l-impenn tal-UE li tiftaħ il-kummerċ ġust kif ukoll li tappoġġa oqsma oħra ta' politika, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa billi tiproteġi l-produzzjoni tal-UE ta' elementi kruċjali tal-enerġija rinnovabbli u tal-ktajjen tal-valur diġitali.

Ir-rapport, f'konformità mal-obbligi ta' rapportar tal-Kummissjoni<sup>2</sup>, huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, b'annessi, li jipprovdi aktar informazzjoni u statistika.

---

<sup>2</sup> L-Artikolu 23 tar-Regolament Bażiku dwar l-Anti-Dumping (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21), tal-Artikolu 34 tar-Regolament Bażiku Antisussidji (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55) u tal-Artikolu 23 tar-Regolament Bażiku dwar is-Salvagwardji (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16).

# 1 APPLIKAZZJONI TAL-ISTRUMENTI GĦAD-DIFIŻA TAL-KUMMERĊ (TDI) FL-2021

## 1.1 Attività investigattiva

### 1.1.1 Ħarsa Ġenerali

Fl-aħħar tal-2021, l-UE kellha fis-seħħ 163 miżura definittiva għad-difiża tal-kummerċ: 109 miżuri definittivi antidumping (AD) (li ġew estiżi f'31 każ), 19-il miżura antisussidji (AS) (li ġew estiżi f'każ wieħed) u tliet miżuri ta' salvagwardja (SFG). Din hija żieda ta' 13-il miżura matul l-2020. Dawn il-miżuri pproteġew aktar minn 462 000 impjeg dirett.

Il-livell ta' ħidma investigattiva fl-2021 kien konformi mas-snin preċedenti. Kien hemm 88 investigazzjoni li kienu għaddejnin, magħmula minn 29 investigazzjoni oriġinali u minn 59 rieżami, meta mqabbla ma' 85 fl-2020. Fi tmiem l-2021, kienu għadhom għaddejnin 43 investigazzjoni, l-istess bħal fi tmiem l-2020.

Fl-2021, ħafna setturi fittxew is-sospensjoni tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ biex jindirizzaw l-iżviluppi negattivi tas-suq, b'mod partikolari l-allegat tfixkil fil-ktajjen tal-provvista kkawżat primarjament mill-kriżi tal-COVID-19. Din id-dispożizzjoni li rarament tintuża tistabbilixxi kriterji stretti għas-sospensjoni. F'Ottubru 2021, il-Kummissjoni ssospendiet, għal 9 xhur, il-miżuri dwar il-prodotti ċatti tal-aluminju miċ-Ċina filwaqt li introduċiet il-monitoraġġ tal-importazzjonijiet tal-prodott. F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni ħadhet is-sospensjoni tal-miżuri fuq il-Plywood tal-Betula mir-Russja peress li l-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfati.


Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD), li jipprovdi aktar informazzjoni u statistika jakkumpanja dan ir-Rapport u jinkludi annessi għat-taqsimiet ta' hawn taħt.

### 1.1.2 *Investigazzjonijiet Anti-dumping u Antisussidji (ara l-Annessi minn A sa I)*

Fl-2021, il-Kummissjoni bdiet 14-il investigazzjoni ġdida (11 AD u 3 AS), meta mqabbla ma' 15 fl-2020. Hija imponiet dazji provviżorji f'10 proċedimenti AD u kkonkludiet 12-il investigazzjoni billi imponiet dazji definittivi (11 AD u 1 AS). Il-Kummissjoni temmet investigazzjoni antisussidji waħda mingħajr ma imponiet miżuri peress li l-ilment ġie rtirat.

Ir-rieżamijiet tal-miżuri fis-seħħ li nbdew fl-2021 żdiedu bi ftit meta mqabbla mal-2020, 30 meta mqabbla ma' 28. Dawn kienu jinkludu 10 rieżamijiet ta' skadenza u erba' rieżamijiet interim. Ħmistax-il rieżami ta' skadenza ġew konklużi b'konferma tad-dazju fl-2021.

L-għadd totali ta' inizjazzjonijiet tat-tipi kollha ta' investigazzjonijiet kien ta' 48, jiġifieri ogħla minn fi kwalunkwe waħda mill-ħames snin preċedenti.



### 1.1.3 Investigazzjonijiet ta' salvagwardja

Ma nfetħet l-ebda investigazzjoni ġdida ta' salvagwardja fl-2021.

Il-Kummissjoni wettqet rieżami tal-miżura ta' salvagwardja tal-UE imposta fl-2019 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar. Dan irriżulta, f'Lulju 2021, fl-estensjoni tiagħha sat-30 ta' Ġunju 2024 u aġġustament ta' ċerti aspetti. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura kompliet tkun meħtieġa biex tipprevjeni jew tirrimedja dannu serju u li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni kienet qed taġġusta. Il-Kummissjoni sabet li matul il-perjodu tal-miżura ta' salvagwardja, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kompliet tmur għall-aġħar minħabba l-pressjoni fuq l-importazzjoni matul perjodu li fih l-aġġustamenti li saru mill-industrija ma kinux għadhom ipprođuċew effetti pożittivi. Fis-17 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni bdiet it-tielet rieżami tal-funzjonament tal-miżura b'aġġustamenti possibbli biex tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2022.

### 1.1.4 Verifiki fl-investigazzjonijiet

Imxekkla mir-riskji tas-saħħa u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, il-Kummissjoni kompliet tivverifika d-*data* ppreżentata mill-partijiet interessati permezz ta' kontroverifika mill-bogħod minflok verifiki fuq il-post.

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza żviluppata fl-2020, il-Kummissjoni ssodisfat l-obbligi tagħha filwaqt li żgurat id-drittijiet tal-partijiet interessati. Fl-2021, il-Kummissjoni vverifikat id-*data* minn 197 kumpanija permezz ta' kontroverifika mill-bogħod. Dan kien jinkludi 111-il kumpanija Ewropea u 86 barra mill-UE. Hekk kif ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar naqsu fl-aħħar kwart tal-2021, saru 12-il żjara fuq il-post lil kumpaniji tal-UE. Huwa ttamat li dan jindika li fil-futur se jerġa' jibda jkun hemm aktar verifiki fuq il-post.

## 1.2 Applikazzjoni u infurzar effettivi tat-TDI

### 1.2.1 *Implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri - Awditu tat-TDI tal-UE*

Fl-2021, il-Kummissjoni ħadmet fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapport tal-awditjar tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-politika tal-UE għad-difiża tal-Kummerċ (ippubblikat f'Lulju 2020). Ir-rakkomandazzjonijiet kienu: il-Kummissjoni Ewropea għandha (a) tiddokumenta l-valutazzjonijiet tagħha tal-istatus ta' kunfidenzjalità tad-dokumenti mill-partijiet (b) tfittex mezzi ta' komunikazzjoni ulterjuri biex tissensibilizza l-partijiet ikkonċernati (c) ittejjeb il-gwida dwar l-aspetti rilevanti tal-kompetizzjoni (d) ittejjeb l-attivitajiet ta' monitoraġġ u twettaq evalwazzjonijiet regolari tal-effettività tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ (e) tnedi aktar investigazzjonijiet fuq inizjattiva tagħha stess u (f) tuża kriterji ċari biex tipprijorizza r-rispons għall-miżuri minn pajjiżi terzi.

Bi tweġiba għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, fl-2021 il-Kummissjoni żviluppat soluzzjoni bbażata fuq l-IT biex tiddokumenta l-valutazzjonijiet tal-kunfidenzjalità tad-dokumenti li saru operazzjonali fil-bidu tal-2022. F'termini ta' sensibilizzazzjoni dwar it-TDI, il-proċess tnedi fl-2021 biex ixerred vidjos informattivi kif ukoll jiżviluppa pakkett ta' informazzjoni b'seba' moduli li tqiegħed online fil-bidu tal-2022 u se jitqassam permezz ta' punti ta' kuntatt fl-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. Minħabba l-inċertezza relatata mal-pandemija tal-COVID-19, il-laqgħat ta' informazzjoni personali mal-partijiet ikkonċernati ġew posposti. Fir-rigward tal-aspetti tal-kompetizzjoni fl-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ, il-Kummissjoni żviluppat gwida għall-partijiet ikkonċernati/partijiet interessati kif ukoll għall-persuni li jimmaniġġaw il-każijiet dwar kif għandhom jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet fl-investigazzjonijiet.

Mill-bqija tar-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni żviluppat politika ġdida ta' monitoraġġ fl-2021, bi prijorizzazzjoni robusta bbażata fuq ir-riskju, koordinazzjoni mtejbja ma' servizzi assoċjati fil-Kummissjoni (OLAF, DĠ TAXUD u DĠ BUDG) u partijiet ikkonċernati esterni, kif ukoll dokumentazzjoni u rapportar tar-riżultati mtejbja. Din il-politika ġdida ta' monitoraġġ, effettiva minn Diċembru 2021, se tiġi evalwata fl-2023. Il-Kummissjoni ma aċċettatx bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni dwar l-investigazzjonijiet *ex officio* peress li tqis li diġà tuża d-dispożizzjonijiet *ex officio* kemm jista' jkun. Madankollu, fl-2021, il-Kummissjoni stabbiliet, fuq is-sit web tagħha, aktar informazzjoni dwar investigazzjonijiet *ex officio* sabiex tindirizza ċerti kunċetti żbaljati u tipprovdi aktar gwida għall-industrija Ewropea. Fir-rigward tal-monitoraġġ tal-azzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ ta' pajjiżi terzi, fl-2021, il-Kummissjoni stabbiliet kriterji biex tidentifika dawk li jippreżentaw l-aktar interess ekonomiku u sistemiku importanti, kif ukoll fejn hemm grad għoli ta' kooperazzjoni mill-esportaturi Ewropej. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se twettaq l-evalwazzjoni tal-effettività tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ fl-2023.

### 1.2.2 *Monitoraġġ u Infurzar ta' miżuri (ara l-Annessi J, K, M, Q)*

Bl-infurzar tal-kummerċ fil-quċċata tal-aġenda tal-Kummissjoni ta' von der Leyen, il-monitoraġġ tal-miżuri eżistenti ta' difiża tal-kummerċ baqa' wieħed mill-prijoritajiet ewlenin anke fl-2021. Ingħatat attenzjoni partikolari lil dawk il-miżuri għad-difiża tal-kummerċ fejn ġie identifikat riskju akbar ta' evitar tad-dazju. L-implimentazzjoni robusta tal-miżuri hija kruċjali biex jiġu ppreservati l-effettività u l-kredibbiltà tal-politika ta' infurzar tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni hija ddeterminata bis-sħiħ li tindirizza kwalunkwe Prattika ta' ċirkomvenzjoni, tnaqqis tal-prezz tal-esportazzjoni u assorbiment tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid li jimminaw l-effettività tal-miżuri.

L-ċirkomvenzjoni sseħħ meta l-produtturi esportaturi f'pajjiżi terzi jinvolve ruħhom fi Prattiki bħat-trasport bil-baħar tal-prodott permezz ta' pajjiż li ma huwiex soġġett għal dazji (trażbord), jimmodifikaw il-prodott sabiex ma jaqax taħt id-dazji, jew jesportaw permezz ta' produttur esportatur b'rati individwali aktar baxxi ta' dazji anti-dumping jew kumpensatorji (direzjonar ta' kumpaniji). Prattika oħra hija l-assorbiment tad-dazju meta l-esportaturi, minkejja l-miżuri imposti, inaqqsu l-prezzijiet tagħhom biex jegħlbu d-dazji jew l-importaturi ma jirriflettux id-dazju meta jbigħu mill-ġdid il-prodott fl-Unjoni.

Il-Kummissjoni tieħu azzjoni kontra dawn il-Prattiki identifikati jew permezz ta' monitoraġġ jew permezz ta' informazzjoni li tirċievi minn partijiet interessati. Sabiex jiġu identifikati l-problemi potenzjali kemm jista' jkun malajr, tintuża prijoritizzazzjoni orjentata lejn ir-riskju tal-kompiti ta' monitoraġġ. Tingħata attenzjoni lil dawk il-miżuri fejn ġie identifikat riskju akbar ta' evitar tad-dazju matul l-investigazzjoni u klawżola ta' monitoraġġ speċjali hija integrata fir-Regolamenti li jimponu miżuri. L-għan ta' din il-klawżola huwa li jiġi mminimizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni permezz ta' direzzjonar ta' kumpaniji. Fl-2021, fost l-oħrajn, tali klawżola kienet integrata fil-miżuri applikati għall-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju konvertitur u estrużjonijiet tal-aluminju miċ-Ċina, prodotti tal-ħadid ċatti rrumblati bis-sħana mit-Turkija, u plywood tal-betula mir-Russja.

Il-monitoraġġ jinvolve analiżi fil-fond tal-importazzjonijiet tal-prodott soġġett għal miżura għad-difiża tal-kummerċ, inkluż ix-xejra/id-dinamika ta' monitoraġġ tal-esportazzjoni mill-pajjiż soġġett għall-miżuri. Dan jagħti stampa sħiħa tal-flussi tal-kummerċ u tal-iżviluppi tas-suq wara li jkunu ġew imposti l-miżuri. Il-Kummissjoni tuża bażijiet tad-*data* interni, mitmugħin mill-awtoritajiet doganali u mill-uffiċċji tal-istatistika kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, u, jekk ikun meħtieġ, bażijiet tad-*data* kummerċjali. Informazzjoni addizzjonali dwar is-suq, mill-industrija tal-Unjoni, flimkien ma' sejbiet dwar in-nuqqas ta' konformità ma' miżuri ddokumentati mill-OLAF b'riżultat tal-investigazzjonijiet tagħha jew mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jitqiesu wkoll.

Fi tmiem l-2021, total ta' 54 prodott taħt il-miżuri għad-difiża tal-kummerċ kienu soġġetti għal monitoraġġ speċjali. Il-Kummissjoni avżat lill-awtoritajiet doganali nazzjonali biex jagħtu attenzjoni partikolari lill-importazzjonijiet ta' prodotti soġġetti għal miżuri tat-TDI fejn kien hemm tħassib eż. it-trażbord. L-OLAF ġie nnotifikat fejn il-Kummissjoni kellha informazzjoni li turi attività frawdolenti fuq l-importazzjonijiet. L-OLAF innotifika wkoll lill-Kummissjoni b'informazzjoni rilevanti relatata mal-infurzar. Kuntatti mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-industrija tal-Unjoni żguraw informazzjoni aktar kompluta dwar l-iżviluppi tas-suq biex jiffaċilitaw l-aktar azzjonijiet ta' segwitu effiċjenti.

Il-Kummissjoni skrutinizzata ukoll aktar minn 10 impenji fuq il-prezz ma' produttori esportaturi fl-2021 u sabet li kienu qed jikkonformaw bis-sħiħ.

F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni nnotat modi ġodda mill-produtturi esportaturi, b'mod partikolari miċ-Ċina, biex jevadu d-dazji pereżempju billi jmexxu ċerti operazzjonijiet lejn pajjiżi oħra mingħajr ġustifikazzjoni ekonomika reali, u jesportaw minn hemm lejn l-UE. Il-Kummissjoni kienet persistenti fir-rispons tagħha biex tagħlaq il-lakuni kollha biex tiproteġi lill-industrija tal-UE mid-dannu.

Fl-2021, il-Kummissjoni bdiet erba' investigazzjonijiet antiċirkomvenzjoni u investigazzjoni kontra l-assorbiment li wasslu biex in-numru totali ta' tali investigazzjonijiet mibdija fl-aħħar tliet snin ikun ta' 11 u tnejn rispettivament.

L-erba' każijiet antiċirkomvenzjoni li bdew jikkonċernaw żieda fl-importazzjonijiet ta' tessuti tal-fibra tal-ħġieġ mit-Turkija u mill-Marokk wara li ġew imposti dazji antidumping u kumpensatorji fuq dawn il-prodotti li joriġinaw miċ-Ċina u mill-Eġittu fl-2020. It-tessuti tal-fibra tal-ħġieġ jintużaw, pereżempju, għall-produzzjoni ta' paletti għat-turbini tar-riħ, fil-produzzjoni ta' tagħmir tad-dgħajjes, tat-trakkijiet u tal-isport, kif ukoll fis-sistemi ta' tiswija tal-pajpijiet. L-investigazzjonijiet iffukaw fuq it-trażbord wara li l-prodott ikkonċernat għadda minn operazzjonijiet ta' assemblaġġ fit-Turkija u fil-Marokk rispettivament. Dawk il-każijiet huma emblematiċi tal-isfidi ppreżentati mill-politika "Belt and Road" Ċiniża u d-determinazzjoni tal-Kummissjoni li tiegħu azzjoni robusta kontra l-kummerċ inġust li jirriżulta minnha.

L-investigazzjoni kontra l-assorbiment li bdiet fl-2021 tikkonċerna wkoll it-tessuti tal-fibra tal-ħġieġ. Din tinvestiga jekk il-produtturi esportaturi Eġizzjani naqqas il-prezzijiet tagħhom biex jimminaw l-effettività tad-dazji anti-dumping imposti fl-2020.

Barra minn hekk, fl-2021 il-Kummissjoni estendiet il-miżuri wara żewġ investigazzjonijiet antiċirkomvenzjoni. Ġie stabbilit li d-dazji antidumping fis-seħħ bħalissa fuq żewġ tipi differenti ta' fojl tal-aluminju domestiku miċ-Ċina kienu qed jiġu evitati permezz tat-Tajlandja, fejn il-prodott kien soġġett biss għal operazzjonijiet ta' assemblaġġ minuri. L-industrija tal-UE affettwata tikkonsisti l-aktar minn SMEs mifruxa fi 12-il Stat Membru.

Dan juri d-determinazzjoni tal-Kummissjoni li tindirizza kull forma ta' kummerċ inġust, inklużi ċ-ċirkomvenzjoni u l-assorbiment tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ.

### *1.2.3 Miżuri ta' sorveljanza*

Fejn ikun hemm indikazzjoni, u spiss abbażi ta' informazzjoni mill-industrija kkonċernata, li hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet ta' ċertu prodott li joħloq theddida ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tintroduċi miżuri ta' sorveljanza biex timmonitorja wkoll tali importazzjonijiet<sup>3</sup>. Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet is-sorveljanza retrospettiva tagħha fuq l-importazzjonijiet tal-azzar u tal-aluminju li kienet ġiet introdotta f'Mejju 2020 li ssostitwiet is-sistema ta' sorveljanza preċedenti. Il-Kummissjoni mmonitorjat ukoll, permezz

<sup>3</sup> L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-11 ta' Marzu 2015, ĠU L 86, 27.3.2015, p. 16.



ta' sorveljanza retrospettiva, l-importazzjonijiet ta' etanol rinnovabbli għall-fjuwil.

Il-Kummissjoni tippublika *d-data* tas-sorveljanza kull xahar fil-paġna pubblika "sorveljanza/monitoraġġ tal-importazzjonijiet"<sup>4</sup> tas-sit web tad-DĠ Kummerċ.

#### *1.2.4 Protezzjoni tal-intrapriżi żgħar u medji Ewropej (SMEs)*

Sabiex jiġi żgurat li l-limitazzjonijiet tar-riżorsi tal-SMEs ma jkunux ostaklu għall-użu tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ, il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ u gwida sħaħ lil tali kumpaniji.

Fl-2021, il-Kummissjoni għamlet sforzi addizzjonali biex tiżgura li l-SMEs ikunu jafu dwar l-istrumenti, u jibbenefikaw minnhom, inkluż permezz tal-helpdesk tal-SMEs tagħha. Dan jinkludi rekwiżit imnaqqas dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-kwestjonarji u, fejn possibbli, il-perjodi ta' investigazzjoni allinjati mas-sena finanzjarja tagħhom. Fl-2021 ukoll, il-Kummissjoni żviluppat pakkett ta' informazzjoni online li jispjega l-istrumenti f'termini sempliċi bi pjanijiet għal aktar tutorials bil-vidjo. Is-sessjonijiet ta' informazzjoni b'attendenza fiżika għall-SMEs fl-Istati Membri se jtkomplew ladarba jkunu jippermettu l-kundizzjonijiet relatati mal-COVID-19.

L-isforzi tal-Kummissjoni jagħtu r-riżultati. Is-setturi kkaratterizzati mill-SMEs komplew ikunu involuti fi proċedimenti ta' defiża tal-kummerċ fl-2021. Matul is-sena, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni anti-dumping dwar l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika mit-Turkija u mill-Indja, l-investigazzjoni anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' qfieli miċ-Ċina kompliet u r-rieżami ta' skadenza dwar it-trota mit-Turkija ġie ffinalizzat b'miżuri li ġew estiżi għal ħames snin oħra. Filwaqt li huma kkaratterizzati l-aktar mill-SMEs, permezz ta' koordinazzjoni tajba min-naħa tagħhom flimkien ma' gwida u appoġġ mill-Kummissjoni, l-industriji kkonċernati jibbenefikaw mill-istess drittijiet u protezzjoni minn kummerċ inġust bħall-kumpaniji akbar.

### **1.3 Żviluppi fl-2021 relatati mal-bidliet leġiżlattivi fl-2017 u fl-2018**

#### *1.3.1 Standards soċjali u ambjentali fit-TDI*

L-impenn tal-UE għal standards soċjali u ambjentali għoljin huwa rifless f'ċerti aspetti tal-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji mill-bidliet leġiżlattivi tal-2017 u l-2018. Dawn jinkludu:

- Meta l-investigazzjonijiet jikkonċernaw pajjiżi b'distorsjonijiet sinifikanti tas-suq hemm bżonn li jintgħażel pajjiż rappreżentattiv xieraq biex jinbena valur normali li ma huwiex distort. Meta jkun hemm aktar minn pajjiż wieħed b'*data* disponibbli xierqa, il-Kummissjoni tagħżel, filwaqt li tqis il-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali fil-pajjiżi proposti.

---

4 <https://webgate.ec.europa.eu/siglbo/post-surveillance>

- Meta jiġi kkalkolat marġni ta' dannu fl-investigazzjonijiet, il-kost tal-konformità mal-ftehimiet ambjentali multilaterali u mal-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol matul il-ħajja tal-miżuri tat-TDI huwa inkorporat fil-kostijiet tal-produzzjoni tal-industrija tal-UE u, f'xi każijiet, meta jiġi deċiż li jiġu aċċettati l-impriżi.

Fir-rigward tal-għażla ta' pajjiż rappreżentattiv xieraq, fl-investigazzjonijiet konklużi fl-2021, ma tqajmitx il-kwistjoni tal-istandards soċjali u ambjentali, peress li *data* xierqa kienet disponibbli għal pajjiż rappreżentattiv wieħed biss f'kull każ.

Il-Kummissjoni inkludiet il-kost tal-konformità mal-ftehimiet ambjentali multilaterali u mal-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol meta kkalkolat il-prezz tal-profit indikattiv f'diversi każijiet li tlestew fl-2021. Dan huwa partikolarment rilevanti fir-rigward tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. L-investigazzjonijiet affettwati kienu jinkludu Estrużjonijiet tal-Aluminju, Fojl tal-Aluminju Konvertitur u Prodotti Ċatti tal-Aluminju kollha miċ-Ċina, Prodotti tal-Azzar Inossidabbli Irromblat fil-Kesħa (SSCR) mill-Indja u mill-Indoneżja u Plywood tal-Betula mir-Russja. Dan żied il-prezz indikattiv għal dawn l-industriji peress li kien jinkludi l-kostijiet futuri li jirriżultaw minn Ftehimiet Ambjentali Multilaterali li għalihom l-Unjoni hija parti, li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-ħajja tal-miżuri. Fiż-żewġ każijiet li fihom id-dazju kien ibbażat fuq il-marġnijiet tad-dannu (fojl tal-aluminju konvertitur u prodotti ċatti tal-aluminju), l-aġġustamenti magħmula għall-kostijiet tal-istandards soċjali u ambjentali żiedu l-livell tal-miżuri imposti.

Il-kwistjoni ma tqajmitx fil-kuntest tal-offerti ta' impenn fl-2021, peress li dawn ġew miċħuda għal raġunijiet oħra.

### *1.3.2 Regola tad-dazju inferjuri*

Skont ir-regoli tad-WTO, jistgħu jiġu imposti miżuri fil-livell tal-marġni tad-dumping jew tas-sussidju. Qabel il-bidliet leġiżlattivi f'Ġunju 2018, l-UE dejjem applikat ir-regola tad-dazju inferjuri (LDR). Dan kien ifisser li l-miżuri dejjem ġew imposti f'livell aktar baxx mill-firxa sħiħa ta' dumping jew sussidjar, jekk livell aktar baxx, imsejjaħ il-“marġni ta' dannu”, kien biżżejjed biex jitneħħa d-dannu mġarrab mill-industrija tal-UE. Madankollu, mill-modernizzazzjoni tat-TDI, l-LDR ma hijiex applikata awtomatikament f'każijiet antidumping u antisussidji.

F'każijiet antisussidji, l-LDR ma tibqax tapplika sakemm ma jkunx kontra l-interess ġenerali tal-UE li tagħmel dan, filwaqt li tiżgura li l-UE tkun tista' tindirizza l-importazzjonijiet sussidjati inġusti b'mod aktar rigoruż. F'investigazzjoni antisussidji waħda li tlestiet fl-2021 (Fojl tal-Aluminju Konvertitur miċ-Ċina), il-Kummissjoni imponiet id-dazji bir-rata sħiħa tal-marġnijiet tas-sussidju fuq din il-bażi.

F'każijiet anti-dumping, il-miżuri jistgħu jiġu imposti f'livell aktar baxx mill-marġni tad-dumping jekk tali livell aktar baxx ikun biżżejjed biex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. F'każ li jinstabu distorsjonijiet sinifikanti fil-prezz tal-materja prima fil-pajjiż esportatur, jitqies li huwa meħtieġ dazju fil-marġni sħiħ tad-dumping biex tiġi indirizzata l-prattika ta' dumping dannuż. Il-materja prima distorta trid tammonta għal aktar minn 17 % tal-kost tal-produzzjoni u l-prezz tagħha għandu jkun ferm aktar baxx mill-prezzijiet mingħajr distorsjoni.

Fi tmienja mill-11-il każ li tlestew, il-miżuri kienu bbażati fuq il-marġnijiet tad-dumping peress li dawn kienu aktar baxxi mill-marġni tad-dannu u, f'konformità mal-leġiżlazzjoni, l-ogħla livell li seta' jiġi impost. Għat-tliet każijiet li jifdal, id-dazji kienu bbażati fuq il-marġnijiet tad-dannu peress li dawn kienu aktar baxxi mill-marġnijiet tad-dumping u l-kriterji dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq il-materja prima ewlenija ma ġewx issodisfati jiġifieri fi prodotti ċatti tal-Aluminju u f'fojl tal-Aluminju konvertitur miċ-Ċina, il-prezzijiet għall-materja prima distorta ma kinux ferm aktar baxxi mill-prezzijiet tas-suq internazzjonali u, fil-każ tat-torrijiet tar-riħ tal-azzar miċ-Ċina, il-kwistjoni ma tqajmitx.

#### **1.4 Rieżami ġudizzjarju mill-Qrati tal-UE (Anness S)**

Fl-2021, il-Qorti Ġenerali (QĠ) u l-Qorti tal-Ġustizzja (QĠUE) taw 21 sentenza u ordni f'każijiet tat-TDI: il-QĠ tat 14-il sentenza filwaqt li l-QĠUE tat erba' deċiżjonijiet preliminari u ddeċidiet fuq tliet appelli. Fl-2021 ġew ippreżentati 18-il kawża ġdida tat-TDI - 12 quddiem il-QĠ u sitt appelli quddiem il-QĠUE.

Il-ġuriżprudenza fl-2021 tippovdi għarfien interessanti dwar l-ammissibbiltà ta' azzjonijiet legali kontra miżuri tat-TDI, b'mod partikolari dwar il-kwistjoni tal-kapaċità u l-pożizzjoni tal-importaturi u tal-utenti li jniedu proċedimenti tal-qorti f'każijiet bħal dawn.

Fl-2021, il-QĠ tat l-ewwel sentenza tagħha dwar l-artikolazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja u l-miżuri antidumping/kumpensatorji. Barra minn hekk, il-QĠ ikkonfermat il-prattika tal-Kummissjoni li timplimenta sentenzi avversi tal-Qorti billi tikkoreġi kwalunkwe illegalità identifikata mill-Qorti u tirrimborża d-dazji biss sal-punt li d-dazju kkoreġut ikun aktar baxx. Kwistjonijiet oħra li l-Qrati trattaw fl-2021 inkludew il-metodoloġija użata fl-investigazzjonijiet ta' rifużjoni, in-natura dejjiema tal-bidla fir-rieżamijiet *interim*, diversi aspetti tal-kalkoli tad-dumping, il-valutazzjoni tad-dannu u r-rabta kawżali u l-użu tal-fatti disponibbli.

L-aktar sentenzi importanti huma deskritti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

## **2 ATTIVITAJIET TAL-UFFIĊJAL TAS-SEDUTA**

Fl-2021, l-Uffiċjal tas-Seduta rċieva 25 talba ta' intervent u organizza 15-il seduta ta' smiġh. Kull meta l-partijiet ressqu t-talba għal intervent simultanjament ma' talba għal seduta ta' smiġh mas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni, l-Uffiċjal tas-Seduta żamm l-approċċ li l-partijiet interessati għandhom l-ewwel jindirizzaw it-tħassib tagħhom lis-servizzi tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta jintervjeni biss meta ma tintlaħaqx soluzzjoni. Dan ippermetta lill-partijiet interessati jsibu soluzzjoni direttament mal-iskwadri ta' investigazzjoni f'ħafna mill-każijiet. L-Uffiċjal tas-Seduta rċieva wkoll talba għal seduta ta' smiġh konfrontazzjonali, li fl-aħħar saret mas-servizzi responsabbli.

F'żewġ okkażjonijiet, l-Uffiċjal tas-Seduta estenda l-iskadenza għall-kummenti fuq talba tal-partijiet ikkonċernati. L-Uffiċjal tas-Seduta rrakkomanda lis-servizzi tal-Kummissjoni biex jagħmlu disponibbli ċerta informazzjoni lill-partijiet kollha fil-fajl li ma huwiex kunfidenzjali. Il-kwistjonijiet ewlenin imqajma waqt is-seduti kienu jikkonċernaw talbiet għal divulgazzjoni, anonimità u kunfidenzjalità ulterjuri. Żewġ partijiet talbu li l-miżuri li għandhom jiġu imposti għandhom jiġu sospiżi fiż-żmien tal-adozzjoni tagħhom. Madankollu, il-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfati. F'każ ieħor, il-parti rrifjutat li tippovdi d-dokumenti għall-fajl meħtieġ għall-

verifika tal-informazzjoni rilevanti mill-Kummissjoni, filwaqt li ddikjarat li, minflok, is-servizzi kellhom iwettqu verifika fuq il-post. Madankollu, dan ma kienx fattibbli fil-kuntest tal-COVID-19. Fil-każijiet l-oħrajn, intlaħaq ftehim mas-servizzi biex isir rieżami tal-problemi inkwistjoni, jew biex jiġu pprovduti kjarifiki it-talbiet baqgħu irregolari minħabba l-kuntest kontinwu tal-COVID-19 iżda l-organizzazzjoni tas-seduti kienet aktar sempliċi bl-eliminazzjoni tal-ivvjaġġar.

### 3 TRATTAMENT TAL-ATTIVITÀ GĦAD-DIFIŻA TAL-KUMMERĊ KONTRA L-UE

Il-Kummissjoni tintervjeni meta l-esportazzjonijiet Ewropej ikunu mxekkla minn pajjiżi terzi li jimponu miżuri li ma humiex iġġustifikati għad-difiża tal-kummerċ. Filwaqt li l-pajjiżi terzi huma kompletament intitolati li jużaw l-istrumenti, huwa essenzjali li jiġu segwiti r-regoli tad-WTO u l-miżuri għad-difiża tal-kummerċ ma jsirux ostakoli għall-kummerċ *de facto*. Minħabba l-importanza tal-esportazzjonijiet għall-ekonomija Ewropea u l-kontribut tagħhom għall-impjegi u t-tkabbir, il-Kummissjoni tintervjeni bl-għan li tnaqqas l-impatt ekonomiku negattiv ta' kwalunkwe miżura jew li tevita l-impożizzjoni ta' miżuri li ma humiex iġġustifikati għad-difiża tal-kummerċ fuq l-esportazzjonijiet tal-UE għalkollox.

L-interventi tal-Kummissjoni f'każijiet ta' pajjiżi terzi jvarjaw minn sottomissjonijiet tekniċi bil-miktub għall-parteċipazzjoni fis-seduti ta' smiġh biex isiru kemm rappreżentazzjonijiet bil-miktub kif ukoll orali fil-livell politiku, jekk ikun meħtieġ.

Eżempji tal-attività tal-Kummissjoni fl-2021 kienu jinkludu l-parteċipazzjoni fis-seduti ta' smiġh imwettqa mill-awtoritajiet Kanadiżi dwar każijiet AD u AS dwar iz-zokkor raffinat, b'appoġġ mid-DĠ AGRI. Ġew diskussi każijiet oħra ta' difiża tal-kummerċ fil-laqgħat regolari tal-kumitat tal-kummerċ mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC), mal-Kanada jew mal-Afrika t'Isfel. Il-Kummissjoni qajmet ukoll każijiet fil-kumitati AD u SFG tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Dawn l-interventi ġew ikkoordinati kemm mal-industrija tal-UE kif ukoll mal-Istati Membri bi prijorità mogħtija lil każijiet b'impatt ekonomiku sinifikanti għan-negozju Ewropew u dawk bi problemi sistemiċi.

F'każijiet li fihom ma jkunux jistgħu jiġu evitati miżuri li ma humiex iġġustifikati, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-azzjoni tad-WTO. Għamlet hekk fil-miżuri AD u AS tal-Istati Uniti fuq iż-żebbuġ misjur Spanjol imposti fl-2018. F'din it-tilwima, ir-rapport tal-Bord, favur l-UE, ġie adottat fl-20 ta' Diċembru 2021. Proċediment ieħor tal-bord tad-WTO rigward il-miżuri AD Kolombjani fuq il-patata ċips ffriżata kompli fl-2021. L-ewwel u t-tieni laqgħa sostanzjali saru online f'Lulju 2021 u f'Jannar 2022 rispettivament.

L-interventi mill-Kummissjoni, li enfasizzaw l-inkonsistenzi legali u n-nuqqasijiet sistemiċi fil-każijiet kellhom rwol importanti fil-prevenzjoni tal-impożizzjoni tal-miżuri li ma humiex iġġustifikati. Xi suċċessi fl-2021 kienu:

- L-Indja temmet investigazzjoni AD dwar l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti f'Marzu 2021 mingħajr ma imponiet miżuri. Dan kien eżitu importanti minħabba l-interess ekonomiku involut ta' madwar EUR 98 miljun. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija, intervjeniet b'mod attiv fil-każ mill-bidu bi tliet sottomissjonijiet bil-miktub u parteċipazzjoni fis-seduta pubblika.
- F'Settembru 2021, il-Kumitat Ministerjali tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf ma

aċċettax il-proposta tal-Kumitat Permanenti li jiġu imposti miżuri ta' salvagwardja definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar.

- L-interventi tal-Kummissjoni f'investigazzjoni AD mill-Ukrajna dwar l-importazzjonijiet ta' slielem tal-aluminju mill-Polonja u mis-Slovakkja rnexxielhom itemmu l-investigazzjoni f'Ottubru 2021.
- F'Mejju 2021, New Zealand temmet investigazzjoni AD dwar l-importazzjonijiet ta' patata ċips ffriżata mill-Belġju u min-Netherlands, b'iffrankar fuq l-esportazzjonijiet b'valur ta' EUR 3 miljuni. Dan kien parzjalment bis-saħħa tal-interventi bil-miktub tal-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-industrija tal-UE, li wrew li l-kundizzjonijiet biex jiġu imposti miżuri AD ma kinux issodisfati.
- F'Ottubru 2021, il-Kanada bdiet investigazzjoni mill-ġdid *ex officio* biex tivvaluta mill-ġdid il-miżuri AD u AS fuq importazzjonijiet ta' zokkor raffinat li joriġina mill-UE. Dan kien ir-riżultat tal-bosta interventi mill-Kummissjoni li jispjegaw li dawn il-miżuri kumpensatorji huma bbażati fuq skemi antiki ta' sussidju tal-UE u ma jirriflettux il-livelli kurrenti, ferm aktar baxxi ta' sussidjar. Id-dazju AS tnaqqas b'mod konsiderevoli (minn 58 % għal 9 %). Il-Kanada sabet li l-pagamenti ta' appoġġ dirett diżakkoppjati skont il-politika Agrikola Komuni tal-UE ma humiex speċifiċi u ma jistgħux jiġu azzjonati.

Fi tmiem l-2021, kien hemm fis-seħħ 177 miżura għad-difiża tal-kummerċ li kellhom impatt fuq l-esportazzjonijiet tal-UE, waħda inqas mis-sena l-oħra li kellha l-oġhla numru fl-attività ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni.

L-istrument AD għadu l-aktar strument użat fuq livell globali, u jammonta għal 128 mill-177 miżura fis-seħħ. 42 mill-miżuri kienu SFG (meta mqabbla ma' 39 fl-2020) u sebgħa kienu miżuri AS.

Is-26 investigazzjoni ġodda miftuħa fl-2021 jikkonċernaw 17-il proċediment AD u disgħa ta' salvagwardja (meta mqabbla ma' 22 fl-2020).

L-Istati Uniti għandhom l-oġhla numru ta' miżuri kontra l-esportazzjonijiet tal-UE, b'37 miżura fis-seħħ, segwiti miċ-Ċina b'19, it-Turkija bi 17, il-Brażil, il-Kanada u l-Indja bi 12, segwiti mill-Indoneżja bi 11.

Il-prodotti tal-azzar huma responsabbli għall-oġhla numru ta' miżuri, 62, segwiti minn prodotti kimiċi bi 48 miżura, prodotti agrikoli bi 22 miżura, tessuti bi 12-il miżura u karta b'10 miżuri.

#### **4 ATTIVITAJIET FIL-QAFAS TAD-WTO**

Fl-2021, id-WTO organizzat laqgħat tal-Kumitati dwar is-Sussidji u l-Kumpens, l-Anti-dumping u s-Salvagwardji f'format virtwali f'April u f'Ottubru. Il-Grupp Informali dwar l-Antiċirkomvenzjoni ma ltaqax. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Anti-dumping dwar l-Implimentazzjoni ltaqa' f'Ottubru 2021.

Il-Kummissjoni ppreżentat in-notifika ta' Sussidju tal-UE lid-WTO f'Lulju 2021. Dan l-eżerċizzju ta' faċilitazzjoni tat-trasparenza huwa kruċjali biex wieħed jifhem il-livell u l-impatt tas-sussidji mogħtija mill-pajjiżi tad-WTO. Sfortunatament, ir-rendikont dwar il-membri li ppreżentaw in-notifiki kien batut u għalhekk il-Kummissjoni hegghom biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

Fil-Kumitat AD, l-UE qajmet investigazzjoni ta' rieżami dwar l-importazzjonijiet ta' patata ċips ffriżata mill-Belġju u n-Netherlands mill-Unjoni Doganali tal-Afrika t'Isfel (South African Customs Union, SACU); rieżami tal-miżuri dwar zokkor raffinat mid-Danimarka, in-Netherlands, ir-Renju Unit u l-Belġju mill-Kanada u d-dazji AD preliminari fuq l-importazzjonijiet fuq folja tal-aluminju b'liga komuni li toriġina f'seba' Stati Membri tal-UE mill-Istati Uniti.

Fil-Kumitat dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji, saret diskussjoni dwar ir-rwol ta' finanzjament bi prezz li huwa inqas mill-valur fis-suq fil-kontribut għal kapaċitajiet żejda. Kien hemm ukoll skambju dwar l-impatt dannuż tal-kapaċitajiet żejda fuq l-ambjent kif ukoll telf għall-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp minn industriji kompetituri.

Matul il-laqgħat tal-Kumitat ta' Salvagwardja tad-WTO, l-UE qajmet l-investigazzjonijiet li ġejjin: l-Indoneżja: Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, il-Marokk: azzar irrumblat bis-sħana, viereg tal-wajer u viereg ta' rinforz, folji rrumblati bil-kesħa, kolonni tad-dawl, l-Afrika t'Isfel: viti tal-azzar b'irjus essagonali, it-Turkija: fibri prinċipali tal-poliester, u l-Ukrajna: ipoklorit tas-sodju, profili tal-PVC. L-UE ddefendiet il-miżuri ta' salvagwardja tagħha dwar ċerti prodotti tal-azzar, li kienu soġġetti għal kritika mill-Indja, miċ-Ċina, mir-Russja, mill-Ġappun, mill-Iżvizzera u mill-Korea.

F'każijiet li fihom jiġu imposti miżuri TDI li ma humiex iġġustifikati, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO, b'mod partikolari meta jkun għew identifikati kwistjonijiet sistemiċi sinifikanti. Bħalissa hemm proċedura waħda kontinwa għas-soluzzjoni tat-tilwim imressqa mill-UE, rigward id-dazji AD Kolombjani fuq il-patata ċips ffriżata mill-Belġju, mill-Ġermanja u min-Netherlands. Ir-rapport finali tal-Bord f'dan il-proċediment huwa mistenni wara s-sajf tal-2022. Fil-proċediment li jikkonċerna dazji AD u AS imposti mill-Istati Uniti fuq l-importazzjonijiet taż-żebbuġ misjur Spanjol, ir-rapport tal-Bord ġie adottat fl-20 ta' Diċembru 2021. Fl-1 ta' Lulju 2022, il-partijiet qablu dwar perjodu ta' implimentazzjoni raġonevoli għall-Istati Uniti li se jiskadi fl-14 ta' Jannar 2023.

F'Novembru 2021, il-Viċi President Eżekuttiv u l-Kummissarju għall-Kummerċ, Valdis Dombrovskis iltaqa' virtwalment mal-Ministri tal-Kummerċ tal-Istati Uniti u tal-Ġappun biex iġeddu s-sħubija trilaterali tagħhom. Huma qablu li jidentifikaw u jindirizzaw l-isfidi globali tal-politiki u l-prattiki li joħolqu distorsjoni fis-suq li bħalissa la huma indirizzati biżżejjed mir-regoli tad-WTO u lanqas mill-għodod ta' infurzar eżistenti. Il-ministri qablu li jkomplu d-diskussjonijiet trilaterali dwar tliet oqsma ta' prijorità:

- Identifikazzjoni ta' problemi minħabba Prattiki li ma humiex tas-suq
- Identifikazzjoni ta' lakuni fl-għodod ta' infurzar eżistenti, u fejn hija meħtieġa aktar ħidma biex jiġu żviluppanti għodod ġodda biex jiġu indirizzati tali Prattiki, kif ukoll biex tiġi diskussa l-kooperazzjoni fl-użu tal-għodod eżistenti
- Identifikazzjoni ta' oqsma fejn hija meħtieġa aktar ħidma biex jiġu żviluppanti regoli biex jiġu indirizzati tali Prattiki

## 5 DIFIŻA TAL-KUMMERĊ B'APPOĠĠ GĦAL POLITIKI OĦRA TAL-UE

Fir-“Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva” tal-UE ppubblikata fl-2021, ġiet enfasizzata l-ħtieġa li jiġu allinjati u użati l-għodod kummerċjali kollha b’appoġġ għall-oġġettivi ta’ politika tal-UE. F’dan il-kuntest, l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ għandhom rwol importanti. Filwaqt li l-oġġettiv ewlieni tagħhom huwa li jipproteġu lill-produtturi tal-UE minn importazzjonijiet innegożjati b’mod inġust, billi jagħmlu dan jgħinu jsaħħu l-impenn tal-UE biex tiftaħ is-swieq u l-kummerċ ħieles u ġust u jikkontribwixxu għall-għan tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE. Intrinżiċi fid-difiża tal-kummerċ hemm il-kunċetti ta’ kompetittività, ġustizzja u kummerċ ibbażat fuq ir-regoli, uħud mill-elementi ewlenin li fuqhom huma bbażati l-oġġettivi tal-politika kummerċjali tal-UE.

Billi jiżguraw kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta għall-produtturi tal-UE, l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ jikkontribwixxu għat-tkabbir, għall-istabbiltà tal-impjegi, għad-dħul u għall-investment. Huwa essenzjali li l-industrija tal-UE tkun tista’ tinvesti, fost l-oħrajn, fir-riċerka u fl-iżvilupp biex issaħħaħ il-vijabbiltà u l-kapaċità tagħha li tilħaq l-oġġettivi stabbiliti f’inizjattivi ta’ politika usa’ bħall-Patt Ekoloġiku u l-Aġenda diġitali.

B’mod konkret, fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku, il-miżuri imposti fuq prodotti jew fuq inputs bħat-tessuti tal-fibra tal-ħġieġ (użati fil-manifattura tal-pali għat-turbini tar-riħ) miċ-Ċina u mill-Eġittu u l-ħġieġ solari (użat fil-manifattura tal-pannelli solari) miċ-Ċina, jipproteġu elementi importanti prodotti mill-UE tal-katina tal-valur tal-enerġija sostenibbli kontra Prattiki kummerċjali inġusti. Fl-2021, ġew imposti miżuri anti-dumping fuq it-torrijiet tar-riħ miċ-Ċina, prodott importanti wkoll fil-kuntest tal-miri tal-UE għall-enerġija rinnovabbli u għat-tnaqqis tas-CO<sub>2</sub>. Minflok ma jiġu evitati l-miri tal-enerġija rinnovabbli, kif stabbiliti minn ċerti partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni ssottolinjat li mingħajr investment fil-manifattura u r-riċerka u l-iżvilupp moderni, l-industrija Ewropea titlef il-post tagħha fit-tellieqa globali għat-tmexxija tat-teknoloġija fl-enerġija eolika. Il-miżuri se jappoġġaw lill-produtturi tat-torrijiet tar-riħ fl-Unjoni u jiġġeneraw tkabbir, stabbiltà tal-impjegi, dħul u investimenti. Min-naħa l-oħra, l-utenti għandhom jibbenefikaw minn bażi wiesgħa ta’ produtturi tat-torrijiet tar-riħ tal-azzar kompetittivi, affidabbli u finanzjarjament b’saħħithom fl-Unjoni. Mingħajr ma tiġi indirizzata l-kompetizzjoni inġusta mill-importazzjonijiet Ċiniżi, dan ma jkunx possibbli. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri huma mistennija li jikkontribwixxu għall-użu tal-enerġija eolika madwar l-Unjoni billi joħlqu kundizzjonijiet ekwi fejn l-operaturi ekonomiċi kollha, inklużi l-produtturi Ċiniżi, jistgħu jikkompetu f’kundizzjonijiet ġusti.

Fil-kuntest tal-Aġenda diġitali tal-UE, il-miżuri AD imposti fuq l-importazzjonijiet ta’ fibri ottiċi miċ-Ċina fl-2021 għandhom rwol importanti. Il-kejbils tal-fibra ottika jintużaw fil-ħolqien ta’ networks tal-broadband veloċi. Dawn in-networks huma kruċjali biex jappoġġaw ix-xogħol mid-dar, it-tagħlim mid-dar, it-tmexxija tan-negożju jew il-forniment ta’ servizzi miċ-ċittadini, min-negożji u mill-entitajiet pubbliċi madwar l-UE. Minħabba li waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea hija l-użu ta’ infrastruttura tal-broadband b’teknoloġija għolja madwar l-UE kollha, il-kejbils tal-fibra ottika huma kruċjali f’dan il-kuntest u għad-Deċennju Diġitali tal-UE u s-sovranià diġitali tal-UE. Xi partijiet interessati argumentaw li l-miżuri anti-dumping iwasslu għal żidiet fil-prezz totali tal-proġetti tan-network. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li l-kost tal-kejbils tal-fibra ottika jirrappreżenta biss sehem żgħir mill-kostijiet totali tal-proġett tan-network u ma jkollux impatt sinifikanti. Mingħajr miżuri biex jiġu indirizzati l-prattiki kummerċjali inġusti tal-esportaturi Ċiniżi, il-futur tal-industrija tal-UE jiġi pperikolat peress li dan jiffaċċja aktar deterjorament finanzjarju f’termini ta’ profittabbiltà

u investimenti. Minħabba r-rwol importanti ta' din l-industrija fl-aġenda diġitali tal-UE, huwa kruċjali li jiġi żgurat li din tibqa' vijabbli u li ma tiddgħajjifx minn importazzjonijiet inġusti u minn kompetizzjoni inġusta.

Għandu jiġi mfakkar li l-impożizzjoni ta' miżuri, fejn iġġustifikat, ma tipprevjenix l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi milli jikkompetu b'mod ġust fis-suq tal-Unjoni. Filwaqt li huwa rikonoxxut li mingħajr miżuri, l-utenti, l-importaturi, il-klijenti finali u l-baġits pubbliċi jistgħu jibbenefikaw minn prodotti orħos fit-terminu qasir, l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping inevitabbilment joħorġu lill-produtturi tal-Unjoni 'l barra mis-suq tal-Unjoni. Fuq perjodu ta' żmien itwal, dan jirriżulta fit-telf ta' sorsi ta' provvista siewja u potenzjalment fiż-żieda tal-prezzijiet tal-importazzjoni fin-nuqqas ta' kompetizzjoni mill-produtturi tal-Unjoni. Min-naħa tiegħu dan idgħajjef il-bażi tal-industrija tal-UE li fuqha tibni politiki oħra.

Għalhekk, billi terġa' tiġi stabbilita l-kompetizzjoni ġusta, il-miżuri għad-difiża tal-kummerċ jgħinu biex tinżamm produzzjoni kompetittiva, affidabbli u finanzjarjament soda fl-Unjoni. Fl-istess ħin, l-approċċ ibbilanċjat tal-UE għall-istrumenti, li jinkludi l-applikazzjoni tar-regola dwar id-dazju inferjuri f'ħafna ċirkostanzi kif ukoll it-twettiq ta' test tal-interess tal-Unjoni qabel ma jiġu imposti l-miżuri, jiżgura li l-utenti jkomplu jibbenefikaw minn bażi wiesgħa ta' fornituri.

## **KONKLUŻJONI**

L-2021 ippreżentat sfidi kontinwi fil-kummerċ globali peress li l-UE rritornat għan-normal, wara l-COVID-19. L-UE kompliet, permezz tal-applikazzjoni robusta tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ, tipproteġi n-negozju tal-UE minn kummerċ inġust. Dan ikkontribwixxa mhux biss għall-oġġettivi ġenerali tal-politika kummerċjali tal-UE, iżda appoġġa indirettament inizjattivi ta' politika usa' bħall-Patt Ekoloġiku u l-Aġenda diġitali. Monitoraġġ u infurzar imtejba tal-miżuri komplew isaħħu r-rwol importanti li għandha d-difiża tal-kummerċ fil-bini ta' negozju Ewropew aktar reżiljenti.